# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

20 ta' Frar, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.49pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Stephen Gauci

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 65

65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 64
65.3 Rapport Finanzjarji 2023
65.4 Aġġornament dwar il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita;
65.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;
65.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet
65.7 Komunikazzjoni;
65.8 Ilmenti u Suġġerimenti
65.9 Avvenimenti – Wine Festival/ Jum Sannat
65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2024;
65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

65.1.1 Il-kunsillier Stephen Gauci bagħat imejl li ma' jistax jattendi.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 64

65.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 64. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet l-minuti tal-laqgħa Nru 64 qabel il-laqgħa, u għalhekk is-Sindku semma l-punti prinċipali li hemm fil-minuta tal-laqgħa msemmija għal benefiċċju tal-kunsilliera li laħqux qraw il-minuti. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 65.3 **Rapport Finanzjarji 2023**

65.3.1 Is-Sindku qal li llum, fl-ewwel parti tal-laqgħa, ġiet mistiedna l-accountant tal-kunsill biex tagħti ftit dettalji fuq is-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2023. Is-Sa Paulina Said, l-accountant tal-kunsill bdiet l-intervent tagħha billi qalet, li l-kunsill Ta' Sannat għadu qiegħed jirreġistra t-telf, pero' qed isir sforz biex il-kunsill ikun aktar effiċċjenti fil-fondi allokati u minkejja l-limitazzjonijiet tal-fondi allokati. Is-Sa Said qalet li din is-sena, l-kunsill għalaq b'inqas telf mis-sena l-oħra u nkorraġiet biex il-kunsill jibqa' għaddej f'din it-triq. Saħqet ukoll biex il-kunsill jidħol għal-proġetti li jkunu full funded biss, u jitnaqqsu l-attivitajiet li ma jkunux koperti kollha minn fondi allokati u jimxu mal-budget stipulat. Dan huwa effettiv għas-sentejn jew tlieta li ġejjin, sakemm il-kunsill iħallas il-loan li għandu. Il-perit għadu ma tax ċertifikat ta' fejn waslu l-proġetti u għalhekk ma jistewx jidħlu fl-istima finanzjarja. Il-kunsill se jibgħat lill-perit biex jibgħat ċertifikat ta' l-awdituri -progress reports, fuq il-proġetti kollha li qed isiru mill-kunsill sa' l-aħħar ta' Diċembru 2023. Is-Sa Said qalet li fis-sena 2022, l-kunsill għalaq is-sena finanzjarja b'telf ta' wieħed u ħamsin elf ewro (51k) u s-sena l-oħra telf ta' wieħed u erbgħin elf ewro (41k). Is-Sa Pauliana Said ħalliet koppja lill-kunsillieri ta' l-istima finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2023. Il-self minn naħa tal-kunsill bħalissa qieghed jammonta ghal sitta u tletin elf ewro (36k) li se jitħallas bejn wiehed u iehor fit tlett snin li ġejjin. Rigward is-sala tal-każin, is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li l-kunsill irid joħroġ 10% tal-proġett. Is-Sa Said enfasizzat li l-kunsill irid joqgħod attent biex itaffu l-ispejjeż ħa jkopri l-flus li jrid joħroġ il-kunsill fuq dan il-proġett. Is-Sa Pauliana reggħet irrimarkat li l-proġetti jridu ikunu fully funded, bis-segretarja Eżekuttiva saqsiet jekk hemmx bil-miktub. Is-Sa Pauliana wieġbet li din l-istruzzjoni ngħatat fil-laqgħat li kellha mad-dipartiment. Il-kunsillieri rringrazzjaw lis-Sa Said tax-xogħol tagħha, li minn naħa tagħha qalet li hija disponibbli jekk ikunu jridu iktar kjarifikazzjoni.

65.3.2 Is-Sindku qal li l-accountant tat rendikont ta' kif inhu sejjer il-kunsill rigward finanzi. Irrimarka li l-kunsill qed inaqqas it-telf u fl-istess ħin xorta baqew għaddejjin proġetti fil-lokalita'. Il-Sindku qal li qed jagħmel eżerċizzju flimkien mas-segretarja eżekuttiva, rigward l-allokazzjoni li tingħata l-kunsill, biex tiġi ġġustifikata t-talba li l-kunsill jiżdiedlu l-allokazzjoni finanzjarja li jingħata. Qed jiżdiedu ħafna toroq ġodda li jirrikjedu dwal ġodda, kif ukoll in-numru ta' residenti qed jiżdiedu w allura l-problema ta' skart qed tikber. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kellmet lill-kunsill tax-Xewkija rigward in-nuqqas ta' dawl artifiċjali fil-qasam li jagħmel parti mal-konfini tal-kunsill tax-Xewkija. Minn naħa tagħhom, il-kunsill tax-xewkija, ħa jara hemmx mezz kif jistew isibu l-fondi biex ikun jista' jiżdied id-dawl fit-triq u fi żmien ħmistax se jerġa jkellem lura l-kunsill Ta' Sannat. Il-kunsillier Bajada qal, li l-kunsill tax-Xewkija irid jerfa' r-responsabilta' ta' dan in-nuqqas ta' dawl li jista' jwassal għal xi incident, għax din it-triq taqa' taħt il-kunsill tax-Xewkija. Is-segretarja ezekuttiva semmiet, li kif qalet is-Sa Said, il-kunsill qed jagħmel li jista' biex inaqqas it-telf finanzjarju tiegħu. Hija qed tikkalkula, anki għal-fatt li l-kunsill seta' applika għal-fondi fil-passat, li din is-sena jista' jagħlaq is-sena finanzjarja 2024 'break even' jew viċin. Hija qalet li document li l-kunsill ma' jistax jidħol għall- proġetti hlief fully financed ma sibitha mkien u kkonfermatu ukoll l-accountant li qalet li dan id-diskors intqal fil meetings li kellhom fil passat mal-awdituri u l-meetings ta' wara. Is-Sindku qal li l-gvern kien żied l-allokazzjoni tal-co-finacing minn ħamsin elf (50k) għal mitt elf (100k) li wieħed jista' japplika. Għal-events li jsiru mill-kunsill, is-segretarja eżekuttiva qed titlob kwotazzjonijiet, u qed tkun attenta li ma jinqabiżx l-budget stipulat. Xi kultant ma jkunux jistew jingħataw kwotazzjonijiet rega tenna s-sindku, u f'dan il-każ il-kunsill irid joqgħod ħafna attent rega gie mtenni mis-segretarja. Hem mir-regolamenti li jridu jigu segwiti. Din il-Ġimgħa sar eżerċizzju fuq il-progett tal-Pjazza fejn hemm spejjeż li ħallas il-kunsill u ma ġewx mitlubin lill-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm żewġ talbiet, li fit-tieni talba hemm inkluż fihom kontijiet tal-perit, tal-project manager u tal-kuntrattur, u l-ewwel talba kien hemm inkluż l-archeological surveys u l-health and safety reports. Issa dawn se jiġu nklużi fit-talba li jmiss lill-Minsteru għal Għawdex. Din suppost se tagħmel differenza fil-kontijiet tal-kunsill.

65.3.2

Kif spjegat is-Sa Said, il-loan se jinqata' fi żmien tliet snin oħra, u hekk l-kunsill se jkun f'qagħda ferm aħjar. Ovvjament, xorta se jsir dan l-eżerċizzju msemmi aktar qabel, fejn se jitolbu li l-allokazzjoni tiżdied għax l-esiġenzi fir-raħal żdiedu. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-kunsill irid jagħmel studju demografiku biex jiġġustifika t-talba ta' aktar allokazzjoni finanzjarja. Is-Sindku qal li flimkien mas-segretarja eżekuttiva, qed isir studju fejn toroq li huma mudluma, isiru l-bozoz neċessarji. Naturalment, l-kunsill irid il-fondi biex isiru dawn il-bozoz, pero' dan l-istudju qed jgħin biex bozoz bħal pereżempju bozza fuq il-ġibjun mal-ħajt ta' l-iskola l-qadima pratikament mgħandiex għax toqgħod hemm, għax hemm dawl biżżejjed u din il-bozza tista' titwaħħal x'imkien ieħor. Bħal din Il-bozza, hemm waħda fid-daħla tar-raħal li tista' tinqala wara l-fanali l-ġodda jinxtegħlu, hemm oħra xħin idur wara l-knisja maċ-ċentru li tista' ukoll tinqala' għax se jkun hemm il-fanali u hemm oħra faċċata qabel ma tikser wara l-knisja li il-quddiem mhux se jkollha użu. Barra minn dawn qed isir studju mar-raħal kollu, fejn jista jkun hemm bozoz li jistew jinqalew għax fil-post imwaħħlin ma jkollomx użu. Pero' żgur huwa, li Triq Skerla irid isir id-dawl u għandha tingħata prijorita. Jekk Alla ħares qatt, jekk ikun hemm xi inċident, l-kunsill jista' jinżamm responsabbli talli ma pprovdiex biżżejjed dawl. Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li minn naħa tar-reġjun t'Għawdex għamluha ċara, li huma mhumiex se jidħlu għal spejjeż ta' bozoz ġodda. Il-kunsiller Tewma saqsa fuq l-arbli tal-bozoz, bis-sindku jwieġeb li dik hija responsabilta' ta' l-enemalta jew inkella titwaħħal mal-faċċata ta' xi bini bil-kunsens tas-sid. Il-kunsillier Tewma qal li kif qed jitkellmu fuq l-importanza li jsiru bozoz fi Triq Skerla, jistax isir proġett pilota biex il-wires għaddejjin taħt it-triq. Is-Sindku qal, li din tirrikjedi eluf ta' ewro għax irid isir investiment qawwi fl-infrastruttura. Is-Sindku qal, li darba kien issemma f'xi laqgħa

fuq din il-possibilta', pero, jekk il-kunsill ma jkollux fondi allokati għaliha tkun impossibli għax is-servizzi jqumu ħafna flus. Fil-fatt, l-water services laqa' t-talba biex isiru żewġ mains ta' l-ilma wieħed kull naħa fi Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleru. Proġett simili sar fi Triq Dun Xand Aquilina fejn saru żewġ mains ta' l-ilma, u jekk ikun hemm xi ħsara mhux se titkisser it-triq, imma titkisser il-bankina bl-inqas spejjeż possibli. It-tender marbutin mas-CCTV se jagħlaq fil-ħamsa (5) ta' Marzu, u l-kunsill ħatar lill-viċi Sindku u l-kunsillier Bajada se kunu fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni. Is-Sindku qal li l-kunsill għandu joħroġ tender b'mod ġenerali fuq is-servizzi, biex jekk ikun hemm opportunitajiet oħrajn, it-tender ikun lest. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet hux tard wisq peress li se jkun hemm il-votazzjoni tal-kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li dawn huma preparatorji tipo period contract. Xi drabi l-Minsteru t'Għawdex, l-period contract tiegħu ma jkunx ilaħħaq, u għalhekk jekk il-kunsill ikollu dan it-tender tas-servizzi li jista' jintuża. Is-Sindku qal li dan it-tender għandu joħroġ fi ftit jiem oħra, u jekk jaraw li l-affarijiet ikunu se jdumu sal-perjodu stipulat jiġi sospiż, u l-kunsill il-ġdid jista' mbagħad joħroġ it-tender wara l-elezzjoni tal-kunsill.

## 65.4 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

65.4.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

65.4.2 Il-proġett tal-pjazza miexi b'ritmu mgħaġġel, u s-sindku huwa kunfidenti li sa l-aħħar ta' Marzu, l-pavimentar ikun lest. Bħalissa, qed isir l-pavimentar fejn is-siġra l-kbira, fejn ġej il-parking spaces. Il-kunsillier Bajada, rrimarka li ħafna nies qed jaħsbu l-parking se jitneħħa mill-pjazza, li mhux il-fatt. Is-Sindku qal li ħafna nies ma kienux qed jifhmu l-proġett kif se jkun mqassam, u l-kunsill permezz ta' dan il-proġett se jkun qed jorganizza l-pjazza. Is-Sindku kompla li fl-2014, kien sar kwestjonarju u kien intbagħat lir-residenti ta'Sannat, u anki permezz ta' l-ambaxxatriċi ta' dak inhar flimkien ma grupp ta' żagħżagħ għamlu madwar sena, imorru għand l-anzjani biex jispjegalhom dan il-kwestjonarju, u hekk kien hemm rispons tajjeb minnn naħa tar-residenti. Il-feedback li nġabar, ġie annalizat u saret laqgħa ma' l-istakeholders interessati. Kulħadd kien onboard fuq dan il-proġett u sar id-disinn tal-pjazza mill-perit. Għal darba oħra, reġa' kien hemm konsultazzjoni mar-residenti fuq id-disinn u anki laqgħat ma l-istakeholders, fejn anki kien hemm suġġeriemnti u anki kritika kostruttiva. Il-kunsill imbagħad kien qabel unanimament fuq dan id-disinn, u anki sar 'render' biex ir-residenti jifhmu aħjar kif ġej il-proġett. Dan ir-render ġie esebit waqt serata ta' jum Sannat, fejn anki l-perit tal-proġett spjega b'mod tekniku u ta' deskrizzjoni tal-proġett. Wara din is-serata, l-kunsill reġa ta' xahar ċans, biex in-nies jistew jiġu jaraw l-pjanti tal-proġett u anki jistaqsu dwar il-proġett. Ma kienx hemm l-ebda oġġezzjoni u għalhekk l-kunsill seta' jdaħħal l-applikazzjoni ma' l-awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-permess ħareġ fl-2018, u n-nies kellhom ċans madwar tlett snin biex ikunu jafu u anki jagħtu suggerimenti fuq id-disinn tal-proġett. Fil-fatt, anki sar billboard bid-disinn tal-proġett, li kien esebit fil-pjazza. Is-sindku qal, li l-kunsill ta' iċ-ċans kollu lir-residenti, biex ikunu parteċipi fil-konsultazzjoni u anki kien hemm spjegazzjoni dettaljata tal-proġett. Il-parking fil-fatt se jiżdied, u se jkun eliminat parking illegali li kien qed isir fil-pjazza.

65.4.3

Kritika oħra li waslet għand il-kunsill hija, li t-toroq fil-pjazza ġejjin dojoq. Pero', kif semma s-Sindku, l-perit mexa ma' l-istandards u l-linji gwida ta' Transport Malta. Is-Sindku semma wkoll, li fil-verita', it-toroq twessew għax issa se jkun hemm kareġġjata waħda u mhux tnejn. Resident partikulari ssuġerixxa li jsir boarding/unboarding, pero' s-Sindku qal li spjega li dan l-individwu, li jekk se jsir hekk se jkun hemm telf ta' parking space u se anki jkun hemm spazju bizzejjed biex wieħed ikun jista' jieqaf. Is-sindku qal, li r-residenti iridu jidraw li mhemmx għalfejn jipparkjaw taħt il-post eżatt fejn ikunu jridu jmorru. Is-Sindku kompla li jazzarda jgħid, li l-pjazza xħin titlesta, se tkun waħda mill-isbaħ pjazez, kemm f'Għawdex u anki f'Malta. Dan għal-fatt ta' tip ta' materjal li qed jintuża u anki kif inhi mqassma u ddisinjata.

65.4.4 Il-kunsill qed jgħid li l-ġimgħa d-dieħla, se tinfetaħ in-naħa ta' fejn il-każini. Dan għal-fatt, li l-periti kkonfermaw, li l-curing period għadda u hekk jistew jgħaddu vetturi minn fuqu, għax qijed b'saħħtu biżżejjed. It-taħlita li saret tal-grouting, hi magħmula minn frakk tal-lava u cement, u l-grouting sar b'magna apposta u hekk il-fili ntlew kif suppost. Fil-fatt, diġa telgħu xi karozzi llegalment u l-pulizija tat-traffiku ħa azzjoni minnufih, fejn ta' ċitazzjonijiet lix-xufiera. Il-kunsill jixtieq li jipproponi, li għalissa trakkijiet ma jgħaddux, u se jsiru tabelli biex jirregolaw il-flow tat-traffiku. It-trakkijiet ikunu jistew jgħaddu minn naħa tal-Gruwa u minn Triq il-Kbira. Trid isir biċċa rampa fejn jispiċċa l-pavimentar taċ-cement li tiġi għalxejn għalxejn biex ikun jista jgħaddi t-traffiku, biex imbagħad finalment titkisser u jsir il-pavimentar.

65.4.5

Eventwalment, ser tingħalaq it-triq ta' Ta' Ċenċ, u jibda mill-ewwel il-pavimentar tal-karreġjata. Il-perit qed jissuġerixxi, li dawk ir-raġġi li ħerġin mill-parking bays u jħarsu lejn il-knisja, jibqew ħerġin għal got-triq għal-fini ta' estetika, permezz ta' lava nnifsu. Il-kunsillieri qablu ma' dan is-suġġeriment, bil-kunsillier Bajada jgħid li l-ħaddiema jkun jista' jgħinhom aktar waqt ix-xogħol ta' pavimentar. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet, jekk humiex ta' l-idea li jiżdiedu l-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol fil-pjazza, pero' s-sindku, flimkien mal-kunsillier Bajada qalu li hemm biżżejjed ħaddiema. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet jekk hemmx bzonn xi permessi minn naħa ta' l-awtorita ta' l-ippjanar, pero' s-sindku qal, li mhemmx lok għax kull m'hu se jsir huwa li jinbiddel l-fil.

65.4.6

Is-siġar tal-pjazza tħawwlu ftit jiem ilu, peress li jssa hu l-aħjar żmien biex dawn jitħawwlu w jkunu jistew jaqbdu fil-post.

65.4.7

Fuq il-ġibjun, il-perit irid jara fejn ser isir il-ħġieġ, kif ukoll fejn sejra tiġi l-bokka biex wieħed ikun jista jinżel u jagħmel il-manutenzjoni fil-ġibjun. Il-perit qed jissuġerixxi li jsiru xirek ġodda fuq l-arkati, biex jekk alla ħares qatt ikun hemm xi moviment, l-ħnejja ma titlax għax ikellha l-piż fuqha. Is-Sindku fakkar li l-piż tal-planki mhux qed iserraħ mal-ħnejjiet, imma saru żewġ travi tal-konkos, wieħed kull naħa, u qed iserrħu l-planki fuqhom. Il-parroċċa kellmet lill-kunsill fuq prejokkupazzjoni tagħhom rigward il-possibilta li t-taraġ taz-zuntier jista' jisfronda. Fil-fatt ġie il-perit tal-parroċċa u l-perit tal-kurja, u ovvjament il-perit tal-kunsill, fejn dan ta' l-aħħar qal, li ix-xirek u l-ħnejjiet qatt ma kienu mkaħħlin u issa Il-ħnejjiet u x-xirek ġew imkaħħlin kollha, kif ukoll ġox-xirek twaħħlu vireg tal-ħadid biex ikollhom is-support. Il-perit qed jissuġerixxi li jitqabbad structural engineer biex iħejji rapport dettaljat. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, l-kunsill imbagħad jara hemmx bżonn isiru xi xogħlijiet ulterjuri. Is-segretarja eżekuttiva qalet li il-perit tkellem mal-persuna li kien bena il-

pedestall ta' San Ġużepp wara li kienet waqet l-istatwa snin ilu, u ikkonferma li il-pedestall kienu mlewh bic-cement. Il-kunsillier Bajada, semma li kien ħadem meta saru ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li issa xħin reġa nħatt l-pedestall, il-kuntrattur għamel base soda u fin-nofs tal-pedestall għamlu l-konkos ġo fih. Il-perit diġa bagħat lill-inġinier fuq xewqa tal-kurja u anki tal-parroċċa, biex ikun jista' jsir dan ir-rapport fl-iqsar żmien.

65.4.8

Fejn jidħlu l-bonavastri, l-produzzjoni bdiet, u l-kuntrattur qed jgħid li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb. Fil-fatt, din il-ġimgħa, is-Sindku ser imur fil-fabbrika fejn qed jinħadmu dawn il-bonavostri f'Ħal Far, biex jiċċertifika li x-xogħol miexi. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri, biex min irid jista' jmur miegħu. Il-ħsieb hu li jekk ikun hemm ġenb lest, dawn il-bonavostru ser jinġiebu, jinqelew il-qodma u jitpoġġew l-ġodda fuq il-post. Naturalment, iridu jinżlu l-istatwi u jinħatt il-pedestall, li skond l-informazzjoni li għandu s-Sindku dan għadu ma bediex jinħadem. Rigward it-taraġ, il-kuntrattur se jħallih għal l-aħħar.

65.4.9

Is-segretarja eżekuttiva fakkret li ġie iffirmat kuntratt ta' estensjoni mal-Ministeru t'Għawdex, li jistipula li sa l-aħħar ta' Marzu, l-proġett ikun lest u skond il-budget stipulat. Il-kunsill, permezz tal-project manager kellem kemm il-darba lill-kuntrattur biex jaġġorna l-variations mill-istima oriġinali, biex anki l-kunsill ikun jaf fejn qiegħed rigward il-proġettazzjoni finanzjarja marbuta ta' dan il-proġett. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hija xettika dwar it-tlestija tal-proġett fi timeframe stipulat u anki qegħda fuq ix-xwiek biex tara li qegħdin within budget. Issa li se tinfetaħ it-triq Dun Xand Aquilina, is-segretarja eżekuttiva qed tisħaq li bħal ma hemm stipulat fil-kuntratt, il-kuntrattur irid jipprovdi uffiċjal tat-Transport Malta. Il-kunsillieri qablu li l-kuntrattur għandu jħallas l-ispejjez relatati ma' l-uffiċċjali pubbliċi ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li ħa jesiġi li jkun hemm uffiċċjal ta' Transport Malta, speċjalment fil-bidu.

65.4.10

Il-kunsillier Tewma saqsa fuq id-dawl tal-faċċata tal-knisja, fejn is-Sindku qal li l-kuntrattur se jibda x-xogħol. Il-kuntrattur qed jgħaddi l-cables, għax hu aktar diffiċli li jgħaddi l-cables. Id-dwal mal-faċċatta tal-knisja, ġo ġimgħa, skond is-sindku ghandu isir.

65.4.11

Is-segretarja eżekuttiva saqsiet, jekk il-kuntrattur ġabx il-cables li kellu neqsin biex ikompli għaddej bl-infrastruttura, biex wires tad-dawl ikunu mgħoddija minn taħt l-art. Is-Sindku qal li l-kuntrattur qiegħed f'diskussjoni ma' l-inġinier ta' l-enemalta biex jgħaddu l-cables tad-djar. Xħin jgħaddu dawn il-cables, ikunu jistew jitqabbdu mal-feeder pillar u jinxtegħlu.

65.4.12

Il-kunsillier Tewma saqsa fuq is-salib li se jkun fil-pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal, li l-kuntrattur għandu d-disinn u fil-fatt skond l-informazzjoni li għandu x-xogħol fuqu beda, u għalhekk se jikkonferma wkoll x'ħin imur il-fabbrika f'Ħal Far.

65.4.13

Rigward l-isem Ta' Sannat li se jkun fid-daħla tar-raħal, dan huwa lest, pero' l-kuntrattur (Road Construction) irid jiġi jagħmel il-platform. Fil-fatt ilbieraħ, l-kuntrattur li għamel l-isem 'Ta' Sannat, wera x-xewqa li dan jeħel għax qed jibża li jiġri xi ħsara, għax l-ittri qegħdin fil-bitħa tiegħu. Anki qabel ma jġib l-isem, il-kuntrattur jixtieq jara l-platform li fuqhom ġejjin l-ittri, ħa jara kif dawn ġejjin. Is-Sindku kompla li bħala 'back drop' se jkun hemm il-pencil trees waħda fejn waħda. Il-perit jixtieq li l-platform tkun miksija b'concrete finish

sabiħa. Se jkun hemm RPG lights li jkun jista jinbidel il-kulur tad-dawl skond l-okkazzjonijiet partikulari. Ser jitħawwlu, xi tip ta fjuri quddiem l-isem 'Ta' Sannat', u se jitħawwlu żewġ sigar ta' l-Oleander, waħda bajda u l-oħra ħamra. Is-Sindku wera ritratti ta' l-isem Ta'Sannat li bagħatlu l-kuntrattur. Dawn l-ittri se jkunu madwar 1.2 metres għoli. Il-project manager tal-kunsill bagħat reminder lill-perit tal-kuntrattur biex ifakkar il-kuntrattur biex jibda l-platform.

65.4.14 Il-kunsillier Tewma saqsa fuq it-tkomplija tat-triq tal-qasam bejn ir-Rabat u ta' Sannat, bis-sindku jgħid, li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ it-tender, u qed jistennew il-kuntrattur biex jibda x-xogħlijiet. Il-kunsillier Tewma qal li hija ħasra, li issa se jkollna dan il-proġett tal-pjazza, imma se jkun hemm parti mill-entratura prinċipali tar-raħal għadha mhiex irranġata. Is-Sindku qal, li d-dħul għal ta' Sannat minn ħdejn iċ-ċimiterju u minn Triq Marżiena, huma rranġata, li baqa' hu li titkompla it-triq tal-qasam li hija d-daħla ċentrali għar-raħal Ta' Sannat. Il-viċi Sindku qalet, li la qed isemmu it-triq ta' fejn iċ-ċimiterju, hija kienet talbet li jsir biċċa ta' 'traffic island' fejn jistew jinqalew is-siġar taż-żebbuġ u jitħawwlu x'imkien ieħor, peress li hija art tal-gvern. B'din it-traffic island ikunu jistew jgħaddu minn zewġ karozzi f'direzzjonijiet apposta mingħajr inkonvenjent.

65.4.15 Il-kunsillier Tewma saqsa jistax isir tip ta' tpartit mal-kunsill tax-Xewkija, fejn għandu x'jaqsam l-qasam ta' Sannat. Is-Sindku reġa fakkar li fuq dan il-punt, huwa tkellem fil-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex dwar il-konfini, pero' din hija tema delikata ħafna. Il-kunsillier Bajada, qal li xi żmien ilu kienu ntmessu l-konfini. Il-viċi Sindku qalet li missierha kien fetaħ it-triq tal-qasam, għax dan qabel kien passaġġ. Is-Sindku qal li xi żmien ilu, kellu proposta mingħand is-Sindku tax-Xewkija ta' dak iż-żmien, biex ikun hemm tpartit ta' l-area tal-qasam mal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Naturalment din l-offerta ġiet rifjutata.

65.4.16 Rigward iż-żewġ tenders marbutin mal-pjazza, ta' l-benches u tal-pots. It-tender tal-benches se taqa', għax min tefa' kien within budget, pero'ma kienx 'technical compliant', u għalhekk se terġa toħroġ permezz ta' l-'accelerated procedure'. Mentri, t-tender tal-pots u għamara oħra, l-irħas offerent ma bagħatx l-kjarifiki mitluba, u għalhekk il-kunsill mar għat-tieni l-irħas u ġie aġġudikat din it-tender. Is-segretarja eżekuttiva qalet li s'issa għadha ma rċivitx b'mod formali rigward li t-tender tal-benches.

## 65.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.5.1 Is-Sindku qal li beda x-xogħlijiet fuq ir-restawr tal-Kalkara tal-Ġir. Fil-fatt, l-kuntrattur beda jarma l-iscaffolding biex ikun jista' jibda x-xogħlijiet. Ix-xogħol jinkludi, li l-kuntrattur irid jaqla' ġebla u jpoġġi oħra, u fejn possibli, jużaw l-istess ġebel. Il-kunsill nforma lill-SEH li beda x-xogħlijiet tal-kalkara tal-Ġir.

65.5.2 Fuq il-playing field ta' Triq Marziena, is-segretarja eżekuttiva qalet li llum tkellmet ma' tad-DPF. Mid-dipartiment ikkomunikaw li għandhom ħafna affarijiet urġenti u ta' prijorita'. Id-dipartiment spjega li qed jimxu man-number order, u minn kif jidher l-applikazzjoni m'għandiex affarijiet neqsin. Jista jkun li jitoblu lill-kunsill ċ-ċertifikat ta' MCAA, imma dan jingħata x'ħin jitlesta x-xogħol. Saqsew ukoll jekk il-perit kellux komunikazzjoni mac-CRPD. Is-segretarja bagħtet lill-perit, pero' dan għadu ma weġibx u se tibgħatlu reminder. Is-Sindku qal li t-tender ħareġ, u qed jistennew mingħand id-DPF għal approvazzjoni.

65.5.3 Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku biex jaġġorna ftit fuq il-performance bonus tas-segretarju eżekuttiv preċedenti u l-każ tal-ħruq tan-nar fil-festa tal-Munxar. Fuq il-performance bonus, is-sindku qal li kellem lil xi segretarji eżekuttivi ta' kunsilli oħra w ikkonferma li s-segretarji eżekuttivi, dejjem ingħataw 10% performance avolja ma jkunux ħadmu s-sena kollha jew ikunu aġenti segretarji. Is-Sindku qal li hu tal-fehma, li s-segretarju eżekuttiv preċedenti jingħata 10% performance bonus minflok 5% li kien maqbul fil-laqgħat preċedenti. Dan ukoll għal-fatt li s-segretarju eżekuttiv preċedenti huwa mir-raħal ta' Sannat u hemm ix-xewqa li ma jkunx hemm konfrontazzjoni.Is-Sindku qal li kien hemm nuqqasijiet ikkonfermati, pero' qed jiddiskuti mal-kunsilliera biex jingħata l-perċentwal kollu, avolja hija prerogattiva tas-Sindku nnifsu. Il-kunsilliera qablu ma' din id-deċiżjoni b'mod unanimu.

65.5.4 Fuq il-każ tal-ħruq tan-nar tal-Munxar, is-sindku qal li kellem lill-avukat biex jara x'inhu għaddej f'dan ir-rigward. Il-kunsill huwa nfurmat li se jkun hemm seduta oħra tal-qorti. Il-kunsill irid jitkellem dwar is-sikurezza tar-residenti, mhux li ma jinħaraqx nar, imma li titħarres is-saħħa u s-sigurta' ta' kulħadd. Is-Sindku qal li sena wara sena, ġraw inċidenti waqt il-ħruq tan-nar tal-festa tal-Munxar. Apparti minn hekk, hemm l-iskola li parti mill-'firing site', u nħarqu murtali, kemm fit-tmienja ta' filgħodu u fil-ħin ta' nofsinhar, waqt it-tfal ikunu l-iskola. Is-sena l-oħra, l-klabb tal-futbol Ta' Sannat Lions irrifjuta training camps minn klabbs tal-futbol, għas-sempliċi raġuni li parti mill-grawnd huwa fil-'firing site'. Apparti minn hekk, l-wiċċ tal-grawnd sintetiku huwa ġdid u jiswa eluf kbar b'fondi mill-MFA. Il-kunsill irid jagħmel appuntament mal-kummissarju tal-pulizija u s-supredendent biex jiddiskutu din il-kwistjoni. Is-sindku qal, li sena wara sena, is-sitwazzjoni qed tkompli tiggrava u għalhekk iktar minn qatt qabel, hemm bżonn li din tiġi ttratata b'mod urġenti. Residenti fil-viċinanzi, tkellmu mal-kunsill u qallu li fil-jiem tal-festa tal-Munxar, il-bejt tagħhom jaqew karti tan-nar jaqbdu li jistew ikunu ta' periklu.Il-kunsill qed jissuġerixxi, li hemm siti oħrajn fejn jista jinħaraq in-nar, u hekk ikun jista' jiġi evitat din l-inkonvenjenza. Il-viċi Sindku qalet li mportanti li wara li jinħaraq in-nar, irid jitnaddaf is-sit tal-madwar biex jiġi evitat xi incident. Is-Sindku qal li r-responsabilta' hija tal-pulizija, u l-kunsill qed jagħmel li jista' biex ikun qed jiġi protett is-saħħa u s-sigurta tar-residenti. Wara li ġara l-inċident tas-sena l-oħra, il-kunsill rċieva kritika, fejn qed jingħad li l-kunsill ma għamel xejn. Pero', skond is-Sindku dan ma kienx il-fatt, għax il-pulizija kienu taw assigurazzjoni li l-area hija safe, u fil-fatt it-Triq 28 t'April ma kinitx magħluqa mill-pulizija.

65.5.5 Is-Sindku qal, li sfortunatament kellu jdaħħal kwerela għand il-pulizija kontra terzi persuni, fejn is-sindku ġie nsulentat b'mod personali bil-familja u anki ġie mgħajjar korrott. Is-Sindku qal, li mhux se jaċċetta qatt li jiġi assoċjat mal-korruzzjoni, u anki talab lill-pulizija biex jiġi nvestigat mill-aktar fis. Dawn il-persuni, issa iridu jissustanzjaw dawn l-allegazzjonijiet fil-qorti u minn hemm, is-Sindku imbagħad jara x'passi ulterjuri jista' jieħu. Is-Sindku qal, li huwa għandu x-xhieda, għax hu ġie mgħajjar fl-appert. Wara dan l-inċident, dawn il-persuni

konċernati, talbu lis-Sindku biex jirtiraw dawn l-allegazzjonijiet, biss pero' la dan il-kliem qaluh quddiem in-nies, se jkomplu l-proċeduri l-qorti biex inaddaf ismu quddiem dawn l-allegazzjonijiet u jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu, u anki talab l-għajnuna ta' l-avukat tal-kunsill.

65.5.6 Is-Sindku qal li l-kunsill se jdaħħal protest ġudizzjarju fil-konfront tas-sidien tal-blokka appartamenti fi Triq Ta' Ċenċ, fejn il-kunsill qatt ma qabel li jsiru xi tip ta' bankini. Is-Sindku qal li bankina minnhom saret bil-lejl. Il-liġi titlob li bankina tista jsir bl-approvazzjoni ta' waħda minn tlett entitajiet – Gvern Ċentrali (Ministeru għal Għawdex), Transport Malta jew il-kunsill Lokali. Il-kunsill ma jafx jekk il-gvern ċentrali jew transport Malta tatx kunsens biex isir din il-bankina. Għalhekk tressaq dan il-protest ġudizzjarju fejn se jintalab jekk dawn iż-żewġ entitajiet tawx approvazzjoni għax il-kunsill lokali ta Sannat ma tax kunsens, u l-kunsill jimxi minn hemm. Zgur li l-kunsill lokali mhux se jaċċetta li jsir bankina fi Sqaq Anastas, fejn ta' l-inqas it-trakk tal-water services irid jidħol ta' l-inqas darba fix-xahar biex jitbatlu l-fosos marbuta ma' residenzi f'dan l-isqaq. Il-viċi Sindku saqsiet, jekk f'każ li l-Ministeru għal Għawdex jew Transport Malta taw l-approvazzjoni biex isir din il-bankina, kellhomx l-obbligu li jinfurmaw il-kunsill Lokali Ta' Sannat b'din id-deċizjoni. Is-Sindku qal, li l-kunsill kellu kull dritt ikun jaf f'din l-eventwalita, u issa huwa l-kompitu tal-pulizija biex jinvestiga. Il-protest ġudizzjarju se jipproteġi l-kunsill f'eventwalita ta' inċident li jista jinqala' minħabba din il-bankina. Il-gallariji xorta qed jintlaqtu, avolja saru l-bankini. Il-kunsill se jkun għamel dak kollu li seta'. Dan il-protest se jiġi sottomess meta l-avukat ikun ċert mill-PA number ta' din il-blokka u jkun konfermat mill-perit.

## 65.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

65.6.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

65.6.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 65.7 Komunikazzjoni

65.7.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet li rċivew notifika mid-dipartiment tad-DLG rigward id-'data protection officer', fejn ftit tax-xhur ilu l-kunsill kien innomina lis-Sa Marie Josette Vella Magro, segretarja eżekuttiva tal-kunsill għal dan l-irwol. Id-DLG ma jrrifjutawx din in-nomina, pero qalu li s-Sa Vella Magro diġa hija l-controller tad-data protection officer fir-rwol tagħha ta' segretarja eżekuttiva tal-kunsill, għalhekk trid tkun persuna oħra. Jekk din il-persuna taħdem fil-kunsill, trid tkun ta' l-inqas fi skala ħdax jew terza persuna li jkollu l-għarfien ta' dan is-suġġett in kwistjoni jew ikellu l-korsijiet meħtieġa. Minn naħa tal-ħaddiema tal-kunsill, l-uniku persuni li tikkwalifika hija is-Sa Geraldine, pero' din irrifjutat dan l-irwol. Is-segretaja eżekuttiva saqsiet lill-kunsillieri jekk hemmx xi ħadd interessat għal

dan l-irwol, pero' ħadd mill-kunsillieri ma wera x-xewqa. Għalhekk, is-segretarja eżekuttiva se tiġbor xi kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

65.7.2

Is-segretarja eżekuttiva fakkret lill-kunsillieri li trid tittella l-laqgħa annwali tal-kunsill mar-residenti, wara l-laqgħa tal-kunsill tax-xahar id-dieħel. Ir-residenti jridu jkunu nfurmati bil-ħin eżatt, u jekk il-laqgħa tal-kunsill ma tkunx lesta sa dak il-ħin tiġi sospiża biex isir il-laqgħa annwali fil-ħin stipulat.

65.7.3

Fuq il-health and safety officer, l-project manager għan-nom tal-kunsill, ittermina l-kuntratt mal-kumpanija li kellha t-tender preċedenti, li kellu jiġi annullat għal-raġunijiet li ssemmew fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsill tkellem mal-project manager tal-proġett u ġabu kwotazzjonijiet. Il-kunsill flimkien mal-project manager issuġġerew lis-Sur Joseph Camilleri, fejn anki ġab l-kwalifiki tiegħu relatati ma dan l-irwol. Is-Sindku qal li l-istess persuna se jkun il-health and safety officer tal-proġett tal-Kalkara tal-Gir, biex isiru r-rapporti relatati ma' dan il-proġett u anki bagħat il-kwotazzjonijiet.

65.7.4

Is-Sindku ta' aġġornament rigward is-sala tal-każin tal-banda fi rwol tiegħu ta' project leader. Is-sala issa waslet fl-aħħar stadju, fejn qed jistennew l-'order to star work' fil-bidu ta' Marzu fejn jidħol l-injam, fejn il-kuntrattur għandu xahar ċans biex ilesti. Intalbu u nġabru kwotazzjonijiet rigward il-purtieri u t-tapiti ta' l-istess sala. L-irħas offerta rigward il-purtieri kienet tal-kumpanija 'Fabrics'. L-viċi Sindku qalet li din il-kumpanija hija kunfidenti li dawn il-purtieri se jkunu twaħħlu sal-festi ta' L-Għid. Il-kumpanija 'Rosanis' bagħtet il-kwotazzjoni rigward it-tapiti. Apparti minn hekk, is-sindku qed jiġri biex jinġabru l-invoices tax-xogħol li diġa sar bħal gypsum, l-acoustic panels u anki għamlu xi laqgħat magħhom, biex hekk ikunu jistgħu jgħaddu l-flus. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet rigward l-AC's ta' din is-sala, fejn is-Sindku qal li s-saqaf ingħalaq u kemm jiġi kkumunikati.

65.7.5

Il-bins li hemm presenti tal-'bring in sites' tal-kumpanija GreenPack se jinbidlu u jitpoġġew oħrajn mill-kumpanija oħra Green MT. Il-kunsill qed jipprova jikkordina, biex xħin jitneħħew bejn din il-ġimgħa u ġimgħa d-dieħla, jitpoġġew mill-ewwel l-bins l-ġodda mill-kumpanija. Is-Sindku qal, li qatt ma kellhom problemi mal-kumpaniji GreenPack, pero' l-ERA ħarġet direttiva li l-kumpanija Green Pack ma jistewx jibqew joperaw iktar minn Għawdex rigward skart. Is-segretarja se tibgħat reminder lill-kumpanija Green MT biex jgħidulhom meta se jġibu dawn il-bins.

65.7.6

Is-Sindku qal li se jmur għas-summit Ewropej tar-reġjuni u bliet fi Brussels fis-sbatax ta' Marzu.

65.7.7

Kien hawn il-ġurija tal-proposed region of gastronomy li ġew ukoll Ta' Sannat ġo restaurant u kienu kuntenti ħafna mir-rispons tagħhom. Għawdex ġie rikomandat flimkien ma' post ieħor fi Kreta u ieħor l-Kroazja. Is-Sindku qal li j'Alla Għawdex jirbaħ il-proġett għax ikun ħafna attivitajiet fl-2026.

65.7.8

Rigward Festa Għagin li saret is-sena l-oħra, kien hemm agreement verbali ta' sponsorship mingħand organisazzjoni MIEMA, pero' l-kunsill m'għandu l-ebda tip ta' dokumentazzjoni. Il-kunsill ħallas diġa parti mill-ispejjeż ta' din l-attivita', pero' baqa' l-ammont ta' madwar 20,000 ewro li għadhom iridu jitħallsu. Il-kunsill qed jittama li jsibu ftehim ma' din l-entita' biex jgħaddu l-flus u jkunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż marbuta.

65.7.9

Is-sur Joe Zammit Ciantar kiteb lill-kunsill fejn xtaq xi nformazzjoni fuq il-lokalita, u s-segretarja eżekuttiva rriferitu għas-Sur George Azzopardi, peress li għandu ħafna nformazzjoni u ritratti marburta mar-raħal Ta' Sannat.

65.7.10

L-għaqda armar Ta' Sannat, ippreżentat il-kont ta' Eur2113 rigward it-tender li għandha mal-kunsill u qiegħed fis-schedule of payments.

65.7.11

Il-kunsill rċieva numru ta' PQ's relatati ma Ta' Sannat, fejn il-kunsill wieġeb dawn il-mistoqsijiet u t-tweġibiet jistew jarawhom peress li huma pubbliċi. Is-segretarja eżekuttiva semmiet li dan l-aħħar kien hemm ħafna PQ's partikulari marbuta mar-raħal Ta' Sannat.

65.7.12

Il-kotba li nxtraw għal-librerija, ġew irreġistrati minn naħa tal-librara. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Joseph Cauchi ta' l-ixkaffar l-ġodda li saru għal-librerija, fejn semma li se jsiru xi modifiki skond ix-xewqa tal-librara. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kien nxtara xi njam diġa biex isiru dan l-ixkaffar mill-ħaddiem tal-kunsill, u għalhekk il-kunsill irid jara kif se juża' dan l-injam li nxtara.

65.7.13

Is-segretarja għandha rendikont tal-bankijiet li jinsabu fir-raħal Ta' Sannat, li huwa parti mill-inventarju li l-kunsill huwa obbligat li jagħmel. Hemm xi bankijiet li l-kunsill ġie mitlub biex jinbidlu jew inkella biex jinżebħu. Fejn hemm il-possibilta li jittranġa, irid jitranġa u l-kunsill jiffranka spejjeż addizzjonali, peress li kull bank ġdid jiswa madwar 400ewro.

65.7.14

Rigward il-Beer Festival, kien hemm referenza f'laqgħa tal-kunsill li saret f'Lulju, fejn ġie rreferut li l-kumpanija Farsons se tagħti 1000ewro bħala għajnuna biex tittella din l-attivita. Is-Segretarja eżekuttiva qalet li ma sabitx referenza fil-kontijiet tal-kunsill li dawn għaddew. Is-Sindku qal li f'din l-attivita, l-kumpanija 'Coca Cola' rreagixxiet b'mod negattiv għal-fatt li l-kumpanija tagħha ma kinitx se tkun parti minn din l-attivita'. Dan wkoll għall-fatt, li din il-kumpanija li hija relatata b'mod dirett mar-raħal Ta' Sannat u tagħti ħafna għajnuna mhux lill-kunsill biss, imma anki l-entitajiet l-oħra li nsibu fir-raħal. Għalhekk ġie deċiż li għal-elf ewro (€1000) ma kienx għaqli li jiġġieldu ma' din il-kumpanija, u għalhekk din l-attivta msemmija jttellet mill-kumpanija 'Coca Cola' minflok il-kumpanija Farsons u konsegwentement l-elf ewro ma daħalx fil-kotba tal-kunsill.

65.7.15

Is-Segretarja eżekuttiva qalet li ħadet parir mingħand l-avukat tal-kunsill rigward request mingħand resident li joqgħod fi Triq Santa Marija li qed isirlu xi ħsara fil-propjeta tiegħu, eżattament mal-faċċata, bl-ilma li kien qed jinġabar quddiem il-propjeta tagħhom. Is-sindku rrisponda hekk: apparantement xħin saret it-triq, l-ilma ġie jaqleb, it-trench tad-dranaġġ ma ngħaqqedx sewwa, sar intervent minn naħa tal-Ministeru t'Għawdex. Il-perit

qal li l-livelli tat-triq mhumiex tajbin, u se jieħu s-surveyor tiegħu biex jieħu s-survej. Meta l-kunsill ikollu konferma mill-perit, il-kunsill ikun jista joħroġ tender biex dan id-dislivell ikun ikkoreġut. Il-kunsill iridu li x-xogħol isir u ma jridux li jkun hemm xi nies li jbatu minn xi konsegwenzi.

65.7.16

Is-sindku qal li l-kunsill kien qed jgħid ħa jsir it-Triq Xamgħan u kif ipproponew il-water works,d-dranaġġ jibda minn Triq Dun Lazzru Camilleri u tingħaqad mat-Triq 28 t'April u mbagħad jitla' l-fuq għal Triq Xamgħan. Il-kunsill talab biex il-water works tissepara LA's waħda għal Triq Dun Lazzru Camilleri u oħra għal Triq Xamgħan.

65.7.17 Il-kunsill rċieva korrispondenza mingħand NGO – Żibel flimkien ma' l-organizazzjoni ART 2030, jekk il-kunsill iridx jagħmel mural ma' xi ħajt partikulari fir-raħal Ta' Sannat. Il-kunsill se jitlob lil din l-organizazzjoni biex tippovdi iktar informazzjoni fuq din l-proposta, x'tip materjal se jkun użat, u t-tema li se tinvolvi.

65.7.18

Call for application for Maltese Youth Delegate għal-United Nations li tagħlaq fit -25th February. Jekk il-kunsilliera jaħsbu f'xi ħadd li jistew jinnominaw, ikellmu lis-segretarja eżekuttiva b'din in-nominazzjoni.

65.7.19

Is-Sindku ta' aġġornament rigward it-trenching works tal-ġibjuni. Il-kunsill ħareġ it-tender tal-ġibjun ta' Palazzo Palina pero' ma jkoprix ix-xogħlijiet tal-water works. Il-Sindku waqqaf lill-kuntrattur, peress li l-kunsill mhux kopert bit-tender ezistenti. Il-water services bdew mill-parti tal-ġibjun l-qadim, imma LA li ntbagħat lill-kunsill kien immarkat li se jibdew mill-ġibjun il-ġdid.

65.7.20

Is-sindku qal li s-segretarja eżekutiva qed taħdem biex iġib kwotazzjoni fuq is-safra li se jsir f' Montefiascone. Din il-mawra se jsir fil-bidu t'April wara l-festi ta' L-Għid il-Kbir. Is-segretarja eżekuttiva qalet li bħala dati qed jiġi pproponut il-Ħamis 4 ta'April sa L-Ħadd 7 t'April jew it-Tnejn 8 t'April. Fuq akkomodazzjoni, is-segretarja eżekuttiva qed tiddiskuti mal-kunsill ta' Montefiascone biex ituha ftit għajnuna, kif ukoll arranġamenti rigward transport. Is-segretarja eżekuttiva se tagħti iktar informazzjoni fil-jiem li ġejjin.

## 65.8 Ilmenti u suġġerimenti

65.8.1

Resident talab li jsir bollard tad-dawl fi Triq Skerla. Il-kunsill nforma lill-kuntrattur biex din tinbidel u tiġi.

65.8.2

L-intervention Team irrimarka fuq tabella li għandha bżonn tinbidel fi Triq 28 t'April. Il-kunsill ħa ħsieb dan l-ilment.

65.8.3

Resident lmenta li kien hemm xi dwal imkissrin fit triq 28 t'April: It triq ghandha ssir.

65.8.4

Resident talab biex isir bankina Triq Dun Luqa ġo bini ġdid. Saret talba bis-sistema tal-Ministeru T'Għawdex.

65.8.5

Arblu li litteralment inqala' u tgħaffeġ f'Ta' Ċenc Junction cul de sac. Dan ittranġa u ġie mibdul.

65.8.6

Rigward Mgarr ix-Xini, mill-beach cleaners resqu l-ilment li hemm tabella mkissra, li kella tinbidel ħabba l-elementi naturali. Is-sindku qal li permezz CMS fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, bdew ix-xogħlijiet fi Triq Mġarr ix-Xini fuq li l-mitejn metru li baqa' biex tkompli trinka tas-second class water għal-bdiewa u tingħata l-konkos fi ftit ġranet.

65.8.7

Lment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira rigward tappiera li kienet qed tħabbat. Il-kunsill nforma lill-water works.

65.8.8

Intervention Team ressaq lment fuq patching fi Triq Bardan. Is-Sindku qal li Triq Bardan hija bit-tarmac ġdid, u dawn qed jirreferu għal parti minn Triq Gerxija (Ta' Żabbetta). Il-kunsill kiteb lill-google biex jirranġaw il-locations ta ' ċertu postijiet ta' Sannat, pero' dawn qed jgħidu li jrid jagħmilha l-kunsill, li minn naħa tagħhom mhux jirnexxilehom skond kif qed jissuġerixxu l-google.

65.8.9

Il-kunsillier Tewma saqsa fuq l-proposta ta' ismijiet tal-pjazzetta, l-applikazzjoni għadha ma saritx peress li jrid isir d-door numbering.

65.8.10

Intervention team ressaq lment fuq tabella li ssaddet u patching fi Triq Pisoniano. Is-Sindku qal li se jmur jiċċekja fuq il-post għax għandu dubju hux Triq Pisoniano. Fuq it-trenching li jidher fir-ritratt li ntbagħat, trid tinqata' minn min għamilha.

65.8.11

Talba minn persuna fur repatching fi triq il-Kbira. Din diġa' saret.

65.8.12

Il-kunsill rċieva lment fuq żvilupp ġdid li jridu li jinbidel l-arblu tad-dawl. L-inġinier ta' l-enemalta huwa responsabbli u qiegħed kuntatt magħhom hu stess.

65.8.13

Ilment mingħand persuna fi triq il-kbira biex isiru double yellow lines quddiem ir-residenza tagħhom. Transport Malta għandhom l-istandards tagħhom kemm għandha tkun wiesa t-

triq biex isiru id-double yellow lines. Il-kunsill se jikteb lit-transport Malta biex ikun jista jagħti linji gwida f'dan il-każ. Jekk din it-talba taqa taħt dawn il-linji gwida li jikkonfermaw li jistew isiru double yellow lines, dawn għandhom isiru.

65.8.14 Resident fi Triq Dun Luqa talab biex isir dawl ġdid fejn diġa hemm il-wires lesti u l-arblu lest. Kif semma qabel, is-sindku qal li l-kunsill qed jagħmel dan l-eżercizzju li qed jagħmel fuq il-bozoz. Il-kunsill se jibgħat lir-resident biex jindika eżatt fejn hu mitlub biex isir din il-bozza, biex il-kunsill ikun jista jitkellem ma' l-inġinier biex jara jekk hux sewwa.

65.8.15 Xi ħadd bagħat ritratt lill-kunsill, fejn juri li persuna ħarġet ammont ta' għamara antika fuq il-bankina fi Triq Skerla. Is-Sindku ċempel lill-pulizija tal-kommunita u anki ċemplulu persuna partikulari. Is-Sindku ċempel lill persuna konċernata li mhux sewwa li jimblokka l-bankina b'inkonvenjent ta' għamara u jħammeġ art pubblika. Xħin kellmu is-Sindku, din il-persuna partikulari neħħiet dan l-inkonvenjent.

65.8.16 Persuni li għandhom propjeta fi Triq Xamgħan reġew talbu biex isir bankina għax kissruluhom l-gallarija, permezz ta' xi trakk. Is-sindku spjega li mar mal-perit fuq il-post u intaqa' ma' din il-persuna, fejn spjegawlu li jekk isir bankina kif mitluba, ma jkunux jistew jgħaddu trakkijiet peress li għadu jsir xi zvilupp fin-naħa ta' wara din il-binja. Jekk dawn iridu bankina inqas minn metru iridu jitolbu lit-transport Malta u tintbagħat bis-sistema tal-Ministeru.

65.8.17 Il-viċi Sindku qalet li xi ħadd kellemha fejn qed titlob biex isir double yellow line fejn il-mużew għax karozza qed jimblukkaw l-aċċess u qed ikun ta' inkonvenjent anki għal-fatt li dan l-isqaq huwa pedestrian. Din il-persuna wkoll bagħtet ritratt lill-viċi sindku. Is-Sindku qal li l-kunsill kien waħħal tabella – dead end u li ma' jistewx jipparkjaw, pero' din it-tabella m'għadhiex hemm għax inqalet u kissruha. Is-segretarja eżekuttiva qalet li anki s-superjur tkellem mal-kunsill fuq dan l-ilment.

65.8.18 Resident fi Triq Gerxija lmenta li kien hemm ħoss li kien ta' inkonvenjent u qed idejjaqhom. Il-community police mar fuq il-post u sab li dan il-ħoss kien ġej minn kaxxa tas-servizz tal-Melita. Ħaddiem tal-Melita mar u ttranġat, u r-resident ma reġax ilmenta s'issa.

65.8.19 Żewg residenti fi Triq il-Kbira lmentaw li qed jinġema' l-ilma u jtir l-ilma xħin jgħaddu l-karozzi għar-residenzi tagħhom, u waħda minnhom se jkollha tibdel il-bieb. Din ir-residenta qed tgħid li ilha sentejn tilmenta. Is-Sindku qal li l-kunsill ftit jista' jagħmel għax it-triq trid titqaxxar u tingħata kisja tarmac. F'din it-triq tqattew ħafna trinek tal-water works biex jgħaddu s-servizzi u t-triq niżlet għax l-bażi m'għamluhiex soda. Is-segretarja eżekuttiva qalet jistewx ikellmu lil tas-servizzi, bis-Sindku jwieġeb li kull ma ħa jagħmlu hu li jitfew xkora tarmac. Is-Sindku qal li kemm il-darba kellmu lil tal-water works, fejn anki bagħtulhom bl-avukat, biex ix-xogħol isir aħjar, pero' ma sar xejn.

65.8.20 Il-viċi Sindku qalet li kellemha xi ħadd li għadu kemm xtara post fil-pjazza biex forsi tikber il-bankina. Il-perit huwa nfurmat fuq din it-talba, pero qed jinsisti li din il-bankina hija skond

il-permess. Is-Sindku nforma li biex tikber il-bankina trid titkisser il-bankina ezistenti, xi ħaġa li l-perit mhux se jaċċetta. Il-kurduna kienet ilha hemm mwaħħla u setghu ndunaw qabel, imma issa huwa mpossibli.

## 65.9 Avvenimenti -Wine Festival/Jum Sannat

65.9.1 Wine festival mhux se jsir fis-27 t'April imma s-Sibt ta' wara fil-4th Mejju, għax se jkun hemm il-fireworks Festival dakinhar u ma jagħmilx sens li jkun organizzat fl-istess ġurnata. Pero', fis-27 t'April se jsiru ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Sannat. Fit- 28 t'April, jekk ikun jmur skond il-pjan, tiġi inawgurat l-proġett tal-pjazza Santa Margerita.

## 65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2024

65.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2/2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-viċi Sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 65.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

65.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 4.40pm u ġiet aġġornata għal nhar it- Tlieta 12 ta' Marzu 2024, fis-1.30 pm

Konfermati, illum 12 ta' Marzu 2024

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja Ezekuttiva